

Brussell, 5 ta' Mejju 2023
(OR. en)

8847/23

Fajls Interistituzzjonali:
2023/0102(NLE)
2023/0101(NLE)

FRONT 158
COWEB 59
MIGR 154

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru dok. Cion:	8169/23 + ADD 1; 8172/23 + ADD 1
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Montenegro dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fil-Montenegro – Adozzjoni Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Montenegro dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fil-Montenegro – Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

1. Fit-18 ta' Novembru 2022, il-Kunsill adotta Deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar ftehim dwar l-istatus bejn l-Unjoni Ewropea u l-Montenegro dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fil-Montenegro.

2. Abbażi tal-Artikolu 73(3) tar-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624¹, l-għan tal-Ftehim huwa li jawtorizza lill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta tistazzjona timijiet tal-ġestjoni tal-fruntieri mill-korp permanenti tul il-fruntieri kollha tal-Montenegro. Il-Ftehim ser iħassar u jissostitwixxi l-Ftehim dwar l-Istatus tas-7 ta' Ottubru 2019 bejn l-Unjoni Ewropea u l-Montenegro.
3. In-negozjati ġew iffinalizzati b'suċċess bl-inizjalar tal-abbozz ta' ftehim dwar l-istatus mill-Kummissjoni u l-Montenegro. Fil-5 ta' April 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Montenegro, kif ukoll proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-ftehim². Id-delegazzjonijiet ikkonfermaw il-qbil tagħhom mal-proposti f'laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Fruntieri fit-12 ta' April 2023.
4. Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom l-Irlanda ma tiħux sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE³; għalhekk l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
5. F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha. Ladarba din id-Deċiżjoni tibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, id-Danimarka għandha, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi, fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar din id-Deċiżjoni jekk hijiex ser timplimentaha fil-liġi nazzjonali tagħha.
6. Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat u d-dikjarazzjoni konġunta mehmuża tiġi approvata.

¹ ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1.

² 8169/23 +ADD 1 u 8172/23 +ADD 1.

³ Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

7. Għaldaqstant, huwa ssuġġerit li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jirrakkomanda li l-Kunsill, f'sessjoni li jmiss:
- a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni li tawtorizza l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim. It-testi tad-Deċiżjoni, flimkien mad-dikjarazzjoni konġunta, u tal-Ftehim, wara l-finalizzazzjoni mill-ġuristi lingwisti, jinsabu fid-dokumenti 8352/23 u 8354/23, rispettivament;
 - b) jiddeċiedi li t-test tad-Deċiżjoni msemmija hawn fuq u t-test tal-Ftehim jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali;
 - c) jiddeċiedi li l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim, kif jinsab iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti fid-dokument 8353/23, jintbagħat lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.
8. Il-Parlament Ewropew ser jiġi mġharraf f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE u d-deċiżjoni dwar l-iffirmar ser tintbagħat lill-PE.
-